MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIO MERCIECA**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 95/2005

**Thomas Smith Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta' estera Societa' Italiana Assicurazioni e Riassicurazioni S.p.A. –S.I.A.T**

**vs**

**Raymond Agius**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Ghid inti konvenut ghaliex ma ghandekx tigi kkundannat thallas l-ammont ta' mija u ghoxrin liri Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm120.44) kif ukoll interessi fuq din is-somma minnn Ottubru elfejn u hamsa (2005) sad-data ta' l-effettiv pagament, somma li tirraprezenta *excess* dovut minnek u spejjez legali li inkorriet is-socjeta' attrici wara li inti nhar is-sebgha (7) ta' Gunju elfejn u erbgha (2004)

kont involut f'incident tat-traffiku fi Triq Burmarrad, San Pawl il-Bahar bil-vettura tieghek tal-marka Kia Avella (numru tar-registrazzjoni KAD 741) mal-vettura tal-marka Honda (numru tar-registrazzjoni FAV 129) misjuqa minn John Falzon u proprjeta' ta' l-istess Falzon, liema incident gara unikament tort u htija tieghek, u inti inqast illi taghmel il-*claim* relattiva mas-socjeta attrici u thallas l-*excess* dovut ai termini tal-polza ta' l-assigurazzjoni u konsegwentement l-istess socjeta' attrici ma kinitx f'posizzjoni li tassumi r-resposabbilita' ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni u tevita l-ispejjez legali zejda.

Bl-ispejjez gudizzjarji kontra tieghek u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ingunt."

Ra li l-konvenut gie debitament notifikata bl-avviz fis-6 ta' Dicembru 2005;

Ra l-kapitoli ipprezentati mis-socjeta' attrici fis-seduta tallum

Billi ghalkemm notifikat regolarment u msejjah tlett darbiet ma deherx u dan bla ma gieb ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta' dehra tieghu;

U billi l-ammont pretiz m'huwiex iktar minn LM250;

U billi ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet ma jisthoqqilhomx li jkunu emmnuti u mittiehda bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' LM120.44 ammont ta' *excess* u spejjez legali bl-ispejjez u bl-imghax mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-eventwali hlas effettiv kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------